**MALTA**

**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-29 ta' Mejju, 2018.**

**Rikors Numru 70/2016**

**Racquela Spiteri (K.I. 118271(M)),**
**Frances Scerri (K.I. 214 062(M)),**
**Michelle Falzon (K.I. 34171(M)),**
**Natal Bonello (K.I. 568675(M),**
**Kevin Grech (K.I. 338872(M)),**
**Reuben dos Santos Crisostomo**
**b'Karta tal-Identita` Portugiza**
**bin-numru 12550441 1 ZZ9, u**
**Hector Antonio Montenegro Martinez**
**b'Karta tal-Identita`tal-Panama**
**b'numru PA0170545**

**u**

**b'digriet tas-16 ta' Mejju, 2017,**
**l-isem ta' Kevin Grech gie jaqra**
**ghal Kim Kelly Grech u l-isem ta'**
**Natal Bonello gie jaqra Natalie Bonello**

**vs.**

**Id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, u l-Ministru tal-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-12 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi huma jirrisjedu fil-Facilita` fuq indikata u ilhom hemmhekk ghal perjodi differenti kif minnhom indikat fl-istess rikors promotur;

1.2. Illi meta huma dahhlu fl-istess Facilita` il-karti tal-identita` taghhom kienu jindikaw li kienu irgiel u b'isem maskili – differenti minn dak minnhom uzat illum;

1.3. Illi minkejja s-suespost, kienu jidentifikaw ruhhom bhala nisa – kemm internament u esternament;

1.4. Illi ghalhekk, anke peress li kellhom l-aspett fiziku femminili, kienu juzaw ukoll isem femminili;

1.5. Illi fil-fatt kienu jghixu ta' nisa bis-socjeta` cirkostanti tidentifikom jew bhala nisa, jew bhala nisa transgeneri;

1.6. Illi meta ddahhlu fl-imsemmija Facilita` biex jiskontaw il-piena lilhom addebitata, minkejja l-aspett fiziku car taghhom, l-intimat Direttur ittratthom bhala irgiel – kif kienu hekk identifikati fil-karta tal-identita` taghhom;

1.7. Illi din id-decizjoni tad-Direttur intimat kellha konsegwenzi serji hafna fuq il-hajja ta' kuljum tar-rikorrenti;

1.8. Illi sussegwentement uhud mir-rikorrenti, (ara foll 2), ezercitaw id-dritt lilhom moghti fl-artiklu 4 tal-Kap 540 tal-

Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 540), - l-Att dwar l-Identita` tal-Generu, l-Espressjoni tal-Generu u l-Karatteristici tas-Sess, tal-14 t'April, 2015, u talbu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex ibiddel il-generu registrat u li b'hekk, l-ewwel isem jibda' jirrifletti l-identita` tal-generu minnhom maghzula;

1.9. Illi konsegwenza tal-istess l-imsemmi Direttur tar-Registru Pubbliku ottempora ruhha mat-talbiet hekk intavolati u dahhal noti rispettivi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li ghalhekk illum, l-identita` li biha huma identifikati r-rikorrenti hi dik tal-generu femminili;

1.10. Illi r-rikorrenti Spiteri, Scerri u Falzon allura bdew jigu hekk identifikati mid-data tan-nota hekk registrata fl-Att ta' Twelid rispettiv taghhom, (ara foll 7 sa 12);

1.11. Illi l-procedura in dizamina tidher li ghada qed tiehu d-dekors amministrattiv taghha fil-konfront tar-rikorrenti Bonello u Grech;

1.12. Illi *stante* li r-rikorrenti Crisostomo u Martinez mhumiex cittadini Maltin, u ma jikkwalifikawx ghall-protezzjoni internazzjonali, m'ghandhomx access ghall-procedura fuq indikata moghtija mill-Kap 540;

1.13. Illi minkejja li issa l-bicca l-kbira tar-rikorrenti kellhom jew kienu fil-process li jottjeni l-identita` gdida fir-rigward tal-generu taghhom skont il-ligi, l-intimati injoraw id-deskrizzjoni gdida lilhom moghtija fil-karta tal-identita`;

1.14. Illi konsegwenza ta' din id-decizjoni tad-Direttur intimat, ir-rikorrenti thallew fit-taqsima tal-irgiel fi hdan il-Facilita` *de quo*;

1.15. Illi lejn l-ahhar tal-2015 ir-rikorrenti Falzon skontat il-piena li kienet imposta fuqha u harget mill-istess Facilita`;

1.16. Illi f'Dicembru, 2015, l-intimati offrew ghazla lir-rikorrenti Spiteri, Scerri, Bonello u Crisostomo, senjatament;

1.16.1. Jew li jibqghu fit-taqsima tal-irgiel;

1.16.2. Jew li jiccaqalqu u jmorru fit-taqsima tan-nisa;

1.17. Illi pero` l-intimati insistew li kemm -il darba jaghzlu li jittrasferixxu ruhhom fit-taqsima femminili tal-Facilita`, ma setghux ikomplu bl-attivitajiet edukattivi u bl-impjieg li kienu jezercitaw fl-istess taqsima maskili;

1.18. Illi l-ezercizzju ta’ tali ghazla kienet allura ser iggibhom minghajr edukazzjoni u minghajr introjtu finanzjarju rizultat tax-xoghol li kienu jaghmlu;

1.19. Illi ghalhekk ma kienx ser ikun possibbli ghalihom li jixtru l-affarijiet tal-bzonn, u ghar minn hekk, ma setghax ikollhom il-finanzi biex ihallsu ghat-terapija ormonali necessarja;

1.20. Illi ghalhekk, ghalkemm xtaqu li jigu alloggati fit-taqsima femminili tal-Facilita`, dan it-trasferiment kien ifisser li kien ser jiqfilhom l-introjtu finanzjarju u konsegwentement, anke l-kura necessitata mis-sitwazzjoni taghhom;

1.21. Illi *di piu`*, l-imgieba tal-prigunieri nisa u tal-gwardjani nisa fl-istess taqsima kienet ostili ghalihom;

1.22. Illi ghalhekk l-imsemmija rikorrenti kienu kostretti jibqghu flimkien fit-taqsima maskili, fejn kien ilhom is-snin u li ghalhekk kienu draw;

1.23. Illi ftit wara l-izvilupp fuq elenkat ir-rikorrenti Falzon li issa kellha karta tal-identita` li turi generu femminili, u r-rikorrenti Grech li kienet ghadha b’karta tal-identita` li turi generu maskili, regghu ddahhlu fil-Facilita` *de quo*;

1.24. Illi l-intimati offrew lir-rikorrenti Falzon l-istess ghazla moghtija lir-rikorrenti fuq indikati li kienu fl-istess sitwazzjoni taghha, li bhal kollegi taghha kienet kostretta taghzel li tmur fit-taqsima maskili biex b’hekk ma tkunx f’posizzjoni izolata u b’hekk ukoll tgawdi mill-protezzjoni ta’ dawk fl-istess sitwazzjoni taghha;

1.25. Illi minghajr ebda komplimenti r-rikorrenti Grech tpogga fit-taqsima maskili;

1.26. Illi l-alloggjar tar-rikorrenti mill-intimat Direttur fit-taqsima maskili, anke f'celel flimkien ma' prigunier maskili, kellha konsegwenzi serji fuq hajjithom;

1.27. Illi l-hajja ta' kuljum fit-taqsimiet maskili kienet mimlija tghajjir, zebliegh, inkejja, u uzu ta' lingwagg sesswali u vulgari immani – u dan, kemm mill-prigunieri kif ukoll mill-gwardjani;

1.28. Illi rizultat tal-fatt li r-rikorrenti kienu alloggjati fit-taqsima maskili tal-Facilita` *de quo* kontra l-volonta` taghhom, dawn kienu kostretti juzaw ix-"*showers*" tal-irgiel anke flimkien ma' irgiel ohra;

1.29. Illi biex tigi evitata din is-sitwazzjoni xejn pjacevoli r-rikorrenti organizzaw irwiehom biex:

1.29.1. Jinhaslu wara li l-irgiel ikunu gia` lestew;

1.29.2. Jinhaslu kemm jista' jkun wehidhom;

1.29.3. Xi hadd minnhom ikun kostrett joqghod ghassa mal-bieb;

1.30. Illi rizultat ta' din is-sitwazzjoni delikatissima kien jirrizulta li hafna drabi ma kienux jinhaslu hlief wara hafna zmien;

1.31. Illi r-rikorrenti ma kellhomx sigurta` personali;

1.32. Illi z-zebliegh, il-fastidju sesswali u l-abbuz sesswali jew vjolenti kien kontinwu;

1.33. Illi l-intimat Direttur ma kienx ihallihom idahhlu jew jilbsu hwejjeg femminili – lanqas dawk intimi, lanqas meta johorgu mill-istess Facilita` biex imorru l-qorti – u allura kienu kostretti jilbsu hwejjeg maskili, bil-konsegwenza li kienu jidhru xi ftit jew wisq disutili, fejn konsegwenza tal-istess kienu anke sahansitra jattiraw xi rikjam kurjali fil-pubbliku;

1.34. Illi l-amministrazzjoni tal-Facilita` *de quo* tuza l-isem maskili tar-rikorrenti fil-kommunikazzjoni taghha maghhom;

1.35. Illi meta johorgu u jidhlu fil-Facilita` dawn ir-rikorrenti jkunu suggetti ghal tfittxija, anke intima, minn gwardjani irgiel;

1.36. Illi tali procedura hi wahda verament umiljanti li wasslet lir-rikorrenti biex jimminimizzaw id-drabi li huma johorgu mill-istess Facilita`;

1.37. Illi rizultat tas-sitwazzjoni taghhom, ir-rikorrenti lanqas kienu jithallew jippartecipaw f'attivitajiet fil-berah u r-raguni li kienet tinghatalhom kienet ghaliex kienu jinku lill-irgiel u jattiraw kummenti vulgari;

1.38. Illi punt doluz iehor kien jirrigwarda l-fatt li waqt li b'kuntrast ghall-prigunieri nisa li kellhom access ghall-"*hairdresser*" professjonali, fit-taqsima maskili, dawn setghu biss iqaxxru xagharhom;

1.39. Illi r-rikorrenti intavolaw diversi rapporti fir-rigward;

1.40. Illi tali rapporti saru anke minn ghaqdiet volontarji;

1.41. Illi l-Bord ta' Monitoragg tal-Facilita` *de quo* hu wkoll informat fir-rigward;

1.42. Illi r-rikorrenti jqisu din is-sitwazzjoni bhala wahda tassew degradanti u umiljanti;

1.43. Illi l-istess sitwazzjoni qed tikkawzalhom ansjeta` u tensjoni kbira, u ta' dan, l-intimati huma responsabbli;

1.44. Illi tali agir tal-intimati jilledi l-artikli 3, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni), u l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), rigwardanti t-trattament jew piena inumana jew degradanti, id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata, kif interpretata mill-gurisprudenza lokali u mill-Qorti

Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Qorti ta' Strasburgu);

1.45. Illi ghalkemm sfortunatament ir-Regolamenti dwar il-Habs ma jittrattawx il-materja in dizamina, ir-Regolament 3 tal-istess pero` jenfasizza l-principju li l-prigunieri ghandhom "jiskontaw il-piena taghhom skont il-ligi b'dinjita` u r-rispett li l-bniedem jisthoqqlu";

1.46. Illi l-istess Regolamenti jistipulaw kif dawn il-principji ghandhom jigu applikati f'sitwazzjonijiet partikolari bhal:

1.46.1. Fit-tiftix fuq il-persuna ta' prigunieri, (Regolament 6);

1.46.2. Fuq l-ilbies meta prigunier jittiehed il-qorti, (Regolament 10);

1.46.3. Fuq l-allokazzjoni u separazzjoni ta' prigunieri, Regolament 12);

1.46.4. Fuq l-ilbies in generali tal-prigunieri; u

1.46.5. Fuq l-imgieba tal-ufficjali tal-habs;

1.47. Illi in vista tal-premess l-intimati qed igieghlu lir-rikorrenti jsofru minn esperjenzi umiljanti u degradanti, li jwasslu ghall-ansjeta` kbira;

1.48. Illi minhabba s-sitwazzjoni partikolari taghhom ir-rikorrenti huma persuni vulnerabbli li ghandhom bzonnijiet fizici u psikologici partikolari;

1.49. Illi minflok li l-intimati holqu ambjent sigur u dinjituz, dawn konxjament u ripetutament poggew lir-rikorrenti f'sitwazzjoni ta' riskju gholi ta' vjolenza sesswali u psikologika;

1.50. Illi l-intimati naqqsu milli effettivament jirrikonoxxu l-generu specifiku tar-rikorrenti, anke wara t-tibdil tal-karta tal-identita`;

1.51. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.51.1. Taghti d-direttivi xierqa biex jitharsu d-drittijiet u s-sigurta` tar-rikorrenti, u dan, b'mod urgenti;

1.51.2. Tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrenti fuq deskritt jammonta ghal trattament inuman u degradanti *ai termini* tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni, kif ezegwibbli lokament permezz tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 319);

1.51.3. Tiddikjara li l-vjolazzjoni *de quo* hi bbazata fuq trattament diskriminatorju in vjolazzjoni tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni kif ezegwibbli lokalment ukoll permezz tal-Kap 319;

1.51.4. Tiddikjara li n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-generu tar-rikorrenti jikkostitwixxi indhil mhux gustifikat fl-ezercizzju tad-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tar-rikorrenti in vjolazzjoni tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni, kif ezegwibbli lokalment ukoll permezz tal-Kap 319;

1.51.5. Tiddikjara wkoll li din il-vjolazzjoni hi bbazata fuq trattament diskriminatorju in vjolazzjoni tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni, kif ezegwibbli lokalment ukoll permezz tal-Kap 319;

1.51.6. Tiddikjara li d-decizjonijiet, azzjonijiet, u nuqqasijiet tal-intimati wasslu ghal trattament diskriminatorju minhabba l-identita` tal-generu, in vjolazzjoni tal-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni;

1.51.7. Tordna lill-intimati biex jimplimentaw dawk ir-rimedji necessarji biex jitwaqqaf il-ksur tad-drittijiet fuq indikati;

1.51.8. Tordna lill-intimati jaghtu kumpens xieraq lir-rikorrenti minhabba l-ksur tad-drittijiet taghhom;

1.51.9. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu, appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll13);

3.0. Rat ir-risposta datata s-26 ta' Lulju, 2016, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 20);

3.1. Illi jikkontestaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala infundati;

3.2. Illi **preliminarjament**:

3.2.1. Illi l-Ministru intimat mhux il-legittimu kontradittur, u dan, *ai termini* tal-artiklu 181 B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 12);

3.2.2. Illi r-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali billi qed joperaw procedura straordinarja meta kellhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji biex jittutelaw id-drittijiet minnhom pretizi u dan, tramite ilmenti *ai termini* tar-Regolamenti 17 u 18 tat-Taqsima II u tat-Taqsima IV tar-Regolamenti tal-Habs, u dan, fid-dawl tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319;

3.3. Illi fil-**mertu** jigu indirizzati s-segwenti:

3.3.1. **L-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu (3) tal-Konvenzjoni**:

3.3.1.i. Illi dawn l-artikli ma gewx miksura mill-intimati;

3.3.1.ii. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti Spiteri, Scerri u Falzon li minkejja li biddlu l-generu taghhom thallew fit-taqsima tal-irgiel hi kontradetta minnhom stess fir-rikors promotur taghhom *stante* li

jirrizulta minn hemm li kienu huma stess li ghazlu li jibqghu hemm;

3.3.1.iii. Illi fil-prezent, minkejja l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tpoggew f'celel ma' irgiel, dawk minnhom li ghadhom fit-taqsima tal-irgiel qeghdin *f'single occupancy cells*, filwaqt li r-rikorrenti l-ohra qeghdin fit-taqsima tan-nisa;

3.3.1.iv. Illi meta r-rikorrenti ilmentaw fuq ic-celel l-ilment dejjem gie milqugh u sar ic-caqliq necessarju;

3.3.1.v. Illi rigward it-tghajjir u kliem mhux xieraq minn kulhadd fil-facilita` *de quo*, ma jirrizultawx li r-rikorrenti ilmentaw ufficjalment fuq dan;

3.3.1.iv. Illi meta r-rikorrenti ilmentaw fuq ic-celel l-ilment dejjem gie milqugh u sar ic-caqliq necessarju;

3.3.1.v. Illi rigward it-tghajjir u kliem mhux xieraq minn kulhadd fil-facilita` *de quo*, ma jirrizultax li r-rikorrenti ilmentaw ufficjalment fuq dan;

3.3.1.vi. Illi rigward l-uzu tax-*showers* ir-rikorrenti inghataw il-facilita` li juzawhom bejn nofsinhar u s-saghtejn ta' wara nofsinhar meta l-irgiel ikunu fic-celel taghhom, u anke, meta talbu estensjoni tal-hin, din it-talba intlaqghet;

3.3.1.vii. Illi rigward l-allegat fastidju u abbuz sesswali jew vjolenti, kull divizjoni hi msejsa bi gwardjani li jiggarantixxu s-sigurta` tal-prigunieri, u ma jirrizultax li ssottomettew xi ilment fuq hekk;

3.3.1.viii. Illi rigward l-allegazzjoni li ma kienux jithallew jilbsu hwejjeg femminili jinghad minflok li fil-fatt jithallew jilbsu li jridu – anke t-tliet (3) rikorrenti li qeghdin fit-taqsima tal-irgiel, u dan, japplika wkoll meta jittiehdu l-qorti;

3.3.1.ix. Illi ghalkemm jallegaw li jissejhu bl-isem maskili taghhom dan isir ghaliex jissejhu bl-isem li jidher fuq il-karta tal-identita` taghhom;

3.3.1.x. Illi rigward il-fatt li t-tfitxija fuq il-persuna ssir minn gwardjani maskili jinghad li dan kien ghaliex ghazlu li jibqghu fit-taqsima tal-irgiel u ghalhekk soggetti ghar-regoli ta' dik it-taqsima;

3.3.1.xi. Illi l-i*strip searches* kienu jsiru skont proceduri adegwati, u meta x'uhud nizzlu fit-taqsima femminili, t-tfitxija personali kienet issir skont l-ghazla tal-istess detenuti;

3.3.1.xii. Illi rigward l-impediment fuqhom impost fl-attivitajiet fil-miftuh, dan mhux minnu ghaliex jithallew jippartecipaw f'attivitajiet li jittellghu fis-sezzjoni femminili;

3.3.1.xiii. Illi jekk fit-taqsima femminili hemm access ghall-*hairdresser*, fit-taqsima maskili jkun hemm parrukkier professjonali;

3.3.1.xiv. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li minkejja r-rapporti li ghamlu lill-Bord ta' Monitoragg u ghaqdiet volontarji, l-intimati ma hadux mizuri hi zbaljata;

3.3.1.xv. Illi t-trattament jitqies inuman meta mahsub minn qabel, u jikkaguna *intense physical and mental suffering*;

3.3.1.xvi. Illi trattament degradanti hu dak li jkisser ir-resistenza fizika u morali ta' dak li jkun, u jgelghu jagixxi kontra l-volonta` tieghu;

3.3.1.xvii. Illi konsegwentement ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-imsemmija drittijiet fundamentali;

3.3.1.xviii. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ghandhom jigu respinti;

3.3.2. **L-artiklu 8 tal-Konvenzjoni:**

3.3.2.i. Illi r-rikorrenti Spiteri, Scerri u Falzon, jallegaw li l-agir tal-intimati jilledi wkoll l-artiklu *de quo* fil-konfront taghhom;

3.3.2.ii. Illi r-rikorrenti indikati fil-paragrafu precedenti huma mizmuma fit-taqsima femminili;

3.3.2.iii. Illi l-istess artiklu pero` jipprovdi li interferenza fir-rigward tad-tgawdija tal-hajja familjari u tal-privatezza ma twassalx ghall-lezjoni kemm -il darba l-interferenza saret skont il-ligi u tkun necessarja f'socjeta` demokratika;

3.3.2.iv. Illi r-rikorrenti dejjem gew trattati b'rispett lejn il-privatezza taghhom u b'mod dinjituz;

3.3.2.v. Illi qatt ma vvjolaw l-artiklu in dizamina fil-konfront tar-rikorrenti;

3.3.2.vi. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ghandhom jigu respinti;

3.3.3. **L-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni:**

3.3.3.i. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jallegaw diskriminazzjoni fil-konfront taghhom ma jindikawx il-kawzali tal-istess;

3.3.3.ii. Illi hu pacifiku li mhux kull distinzjoni hi diskriminazzjoni;

3.3.3.iii. Illi ghalhekk anke dawn it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

5. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet taghha datat is-27 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu, wara li r-rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar xhieda x'jipproducu, u wara talba appozita fir-rigward, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 250), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 289);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-23 ta' Novembru, 2017, (ara foll 291), flimkien ma dik tal-intimati datata t-2 ta' Jannar, 2018, (ara foll 298);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

10. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti u semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-intimati jiddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess intimati;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw bidu ghall-azzjoni in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi din il-kawza mhi xejn hlief *cri du coeur* tar-rikorrenti ghas-sofferenzi li kienu kostretti jissubixxu tul ir-residenza forzata taghhom fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minhabba l-generu taghhom;

11.2. Illi r-rikorrenti jirrisjedu, jew kienu jirrisjedu, anke ghal zmien twil, fil-Facilita` fuq riferita;

11.3. Illi meta r-rikorrenti ddahhlu fl-imsemmija Facilita` kollha kellhom il-karti tal-identita` taghhom jindikawhom li kienu ta' sess maskili;

11.4. Illi minkejja d-deskrizzjoni tal-generu kif indikat fil-karti tal-identita` taghhom huma kienu jidentifikaw ruhhom u jagixxu skont in-natura taghhom bhala nisa;

11.5. Illi meta ddahhlu fl-imsemmija Facilita` l-amministrazzjoni tal-istess ma kienitx sensittiva bizzejjed ghal din ir-realta` u alloggjathom skont id-deskrizzjoni tal-generu semplicement kif kien jirrizulta mill-karta tal-identita`;

11.6. Illi in effetti din il-procedura hi rizultat ta' din id-decizjoni tal-amministrazzjoni tal-imsemmija Facilita` kif mehuda matul iz-zmien fil-konfront tar-rikorrenti u tat lok ghas-sofferenza, l-umiljazzjoni, u t-trattament degradanti li sussegwent sehhew fil-konfront tar-rikorrenti;

11.7. Illi jirrizulta li r-rikorrenti lkoll ivvarikaw il-bini tal-imsemmija Facilita` f'eta` tenera, appena ghalqu t-tmintax (18) -il sena, u ghalhekk t-trattament u s-sofferenza minnhom subita, specjalment minn uhud mir-rikorrenti l-aktar anzjani, tirrizulta durevoli;

11.8. Illi fl-14 t'April, 2015, kien introdott l-Att dwar l-Identita` tal-Generu, l-Espressjoni tal-Generu u l-Karatteristici tas-Sess, Kap 540;

11.9. Illi bis-sahha ta' dan l-izvilupp legali u socjali uhud mir-rikorrenti ddecidew li jbiddlu l-generu taghhom kemm fuq l-Att tat-Twelid u fuq l-Karta tal-Identita`;

11.10. Illi x'uhud mir-rikorrenti ghadhom ghaddejjin mill-process fizikament u psikologikament delikat in dizamina biex ibiddlu il-generu taghhom;

11.11. Illi jirrizulta li ghalkemm ir-rikorrenti li mhuwiex cittadini Maltin qeghdin fl-istess sitwazzjoni fizika fattwali tar-rikorrenti li huma cittadini Maltin, pero` ma jistghux jibbenefikaw, mill-possibilita` li issa infethet mill-Kap 540 minhabba dan il-fatt li mhumiex cittadini maltin;

11.12. Illi wara l-introduzzjoni tal-Kap 540 u wara pressjoni tal-ghaqdiet volontarji mal-amministrazzjoni tal-Facilita` *de quo*, r-rikorrenti inghatatilhom l-ghazla li jiddeciedu fejn riedu li jkunu mizmuma waqt li jiskontaw is-sentenzi taghhom, senjatament, jew fis-sezzjoni maskili jew dik femminili;

11.13. Illi jigi osservat li r-rikorrenti, ghalkemm rinfaccati bi predikament umiljanti, degradanti u sofferenti, xorta wahda ghazlu li jibqghu fis-sezzjoni maskili, ghaliex altrimenti jekk jaghzlu li jmorru fis-sezzjoni femminili ma kienx ser ikollhom l-istess opportunitajiet ghall-edukazzjoni u ghal impjieg, liema opportunijiet ma kienux jinghatawlhom kemm -il darba jiddeciedu li jmorru fis-sezzjoni femminili;

11.14. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti jallegaw litanija shiha ta' atteggjamenti hziena, illegittimi, u illegali ekwivalenti ghal soppruzjoni daparti kemm tal-gwardjani kemm tal-amministrazzjoni tal-Facilita`, u kemm tal-prigunieri maskili infushom, li umiljaw, wegghu, ddegradaw u ttormentaw lill-istess inutilment, liema atteggjamenti mhux denji li jigu ripetuti hawn;

11.15. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-kumplessita` tieghu dan l-agir jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti mill-artikli minnhom elenkati fir-rikors promotur taghhom, (ara foll 5 u 6);

11.16. Illi ovvjament l-intimati jikkontestaw is-suespost *nonostante* l-fatt li kuntrarjament ghal tali posizzjoni minnhom hawn mehuda, inizjaw tibdiliet biex tigi indirizzata u rimedjata s-sitwazzjoni;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi f'dan l-istadju jigu issa indirizzati z-zewg (2) **eccezzjonijiet preliminari** sollevati mill-intimati, senjatament:

12.1. Illi l-Ministru intimat mhux il-legittimu kontradittur, (ara paragrafu numru tlettax, (13.), aktar 'l quddiem);

12.2. Illi r-rikorrenti m'Ezawrewx ir-Rimedji Ordinarji, (ara paragrafu numru ghoxrin, (20.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. Il-Ministru Intimat mhux il-Legittimu Kontradittur:**

13. Illi fir-rigward ta' din l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari ssir referenza ghall-artiklu 181 B tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> "1. Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni ...
>
> "2. L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern";

14. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-insenjament tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza **Tabone *Computer Centre Limited* vs. Ir-Regolatur tat-Telegrafija Minghajr Fili *et***, datata s-**27 ta' Jannar, 2011**, li jghid is-segwenti:

> "Illi l-ligi trid li f'kawzi l-Gvern ikun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u li l-Avukat Generali jidher biss f'dawk il-kawzi li, minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jitressqu kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohrajn";

15. Illi ghandu jkun pacifiku li fil-kawza odjerna l-ilment tar-rikorrenti hu rizultat tal-kundizzjonijiet nefasti minnhom specifikament subiti minhabba l-generu taghhom fil-Facilita` *de quo* u tat-trattament generalment riservat ghalihom kemm mill-gwardjani tal-istess Facilita` u minn prigunieri ohra kemm maskili u femminili – hadd eskluz;

16. Illi ghalhekk jirrizulta ovvju, li l-persuna inkarigata kemm mill-istruttura fizika fejn sehhew l-ilmenti *de quo* u mill-persuni fizici li allegatament ipperpetraw l-azzjonijiet manifestament inikwi in dizamina hu d-Direttur tal-imsemmija Facilita`, gia intimat f'din il-procedura;

17. Illi ghalhekk ghandu wkoll jirrizulta pacifiku li l-Ministru intimat jirrizulta estraneu ghat-talbiet tar-rikorrenti *stante* fl-artiklu fuq parzjalment riprodott jirrizulta abbundantement car li f'dan il-kaz il-gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni;

18. Illi konsegwentement din ir-rapprezentanza hi rizervata ghall-imsemmi direttur u konsegwentement il-Ministru intimat m'ghandux jiffigura f'din il-procedura u b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

19. Illi in vista tal-premess l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimati, (ara foll 20), ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

**B. L-Allegat Nuqqas tal-Ezawriment tar-Rimedju Ordinarju:**

20. Illi fir-rigward ta' din it-tieni (2) eccezzjoni tal-intimati hu imperattiv li l-qorti tiehu in konsiderazzjoni l-izvilupp tal-gurisprudenza lokali u internazzjonali fir-rigward;

21. Illi fil-passat, il-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali, inkluza l-istess Qorti Kostituzzjonali, kienu jezaminaw jekk ir-rikorrenti li aderew l-istess qrati kienux qabel xejn ezawrew il-proceduri normali li permezz taghhom setghu jinghataw sodisfazzjon ghall-ilmenti taghhom biex b'hekk, jottjenu rimedju effettiv u effikaci minghajr il-htiega li jirrikorru ghar-rimedju straordinarju

kostituzzjonali li sussegwentement seta' jkun mess ghad-dispozizzjoni taghhom;

22. Illi l-posizzjoni lokali kienet li *stante* li dan ir-rimedju kostituzzjonali kien wiehed hekk meqjus straordinarju, allura dan ir-rimedju kellu jigi koncess biss meta l-ligi ordinarja tal-pajjiz ma tkunx bizzejjed biex thares u tittutela d-drittijiet fundamentali tal-individwu;

23. Illi f'dan ir-rigward, a skans ta' dilungar inutili taghmel referenza ghad-direzzjoni gurisprudenzjali moghtija fis-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu**, datata l-**24 ta' Lulju, 2014**, fl-ismijiet **Brincat *and Others* vs. Malta** fejn hemmhekk giet respinta l-istess oggezzjoni hawn sottomessa mill-intimati hemm sottomessa mill-Gvern, meta sostna li ma kienux gew ezawriti r-rimedji ordinarji, u allura per konsegwenza, r-rikorrenti ma setghux jipprocedu f'dik id-direzzjoni hemm intrapriza;

24. Illi f'dik l-okkazjoni l-Qorti ta' Strasburgu ikkunsidrat fit-tul din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Gvern fir-rigward tan-nuqqas mir-rikorrenti li jezawrixxu r-rimedji kollha ta' natura domestika u ikkonkludiet li bl-intavolar ta' procedura wahda, (senjatament dik Kostituzzjonali), minflok tnejn, (dik Ordinarja u dik Kostituzzjonali), xorta wahda jkunu servuti l-interessi tal-ekonomija tal-gudizzju gialadarba fil-procedura Kostituzzjonali jinghata l-hekk imsejjah "*full range of redress*", li kienu qed jitolbu r-rikorrenti;

25. Illi in vista tas-suespost l-istess qorti insinji ikkonkludiet li bl-istess intavolar tal-kawza kostituzzjonali r-rikorrenti hemm involuti kienu effettivament ezawrew ir-rimedji ordinarji taghhom ghall-finijiet tal-ilment minnhom hemm sottomess;

26. Illi fid-dawl tas-suespost il-**Qorti Kostituzzjonali** lokali mill-ewwel adegwat ruhha ghad-direzzjoni moghtija mill-**Qorti ta' Strasburgu** u allineat ruhha mal-istess insenjament meta fil-kawza fl-ismijiet **George Spiteri et vs. *Policy Manager* tal-*Malta Shipyards* fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura** datata s-**27 ta' Marzu, 2015**, irriteniet is-segwenti:

> "... tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza imsemmija ta' **Brincat *and Others* vs. Malta** din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw mhux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-disposizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

27. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Lawrence Grech *et* vs. Tabib Principali tal-Gvern *et***, datata d-**29 ta' Mejju, 2015**, li f'dan ir-rigward stabbiliet ukoll is-segwenti:

> "Apparti l-konsiderazzjonijiet l-ohra li gia` saru fis-sentenza ta' din il-qorti fl-ismijiet **George Spiteri vs. *Policy Manager* tal-*Malta Shipyards et***, (datata s-**27 ta' Mejju, 2015**), tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza msemmija ta' **Brincat *and Others* vs. Malta** din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw mhux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artikli 46 (2) tal-Kostituzzjoni u 4 (2) tal-Kap 319 ... minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

28. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, terga' tissottolinea dak li din il-qorti kif preseduta gia` kellha l-opportunita` tissottlinea fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Micallef u Antoinette Micallef vs. L-Avukat Generali u *Bank of Valletta p.l.c.* ghal kull interess li jista' jkollu** datata l-**14 ta' Marzu, 2018,** li ghandu jkun pacifiku dak hemm ritenut li tali eccezzjoni m'ghadiex aktar tenibbli u jkun ferm aktar ghaqli fid-dawl tal-istess insenjamenti li l-intimati kkoncernati jiddesistu milli jkomplu jostinaw ruhhom u jibqghu jintavolaw din l-eccezzjoni preliminari *stante* li kemm il-Qorti ta' Strasburgu u fuq l-iskorta taghha, l-Qorti Kostituzzjonali, kkonsenjaw l-istess eccezzjoni lill-istorja;

29. Illi in vista tal-premess din it-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-intimati, (ara foll 20), ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi f'dan l-istadju jmiss issa li jigu indirizzati l-allegati vjolazzjonijiet kif kontenuti fit-**talbiet fil-mertu** intavolati mir-rikorrenti, senjatament:

30.1. L-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni re t-trattament inuman u degradanti, (ara paragrafu numru wiehed u tletin (31.), aktar 'l quddiem);

30.2. L-artiklu 8 tal-Konvenzjoni re r-rispett ghall-hajja privata, (ara paragrafu numru tmienja u hamsin (58.) aktar 'l quddiem);

30.3. L-artiklu 14 tal-Konvenzjoni re d-diskriminazzjoni, (ara paragrafu numru tlieta u sittin, (63), aktar 'l quddiem);

30.4. L-artiklu 45 (2) tal-Kostituzzjoni re d-diskriminazzjoni (ara paragrafu numru tmienja u sittin, (68), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. L-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 3 tal-Konvenzjoni:**

31. Illi l-artiklu 36 fuq indikat jistabbilixxi s-segwenti:

> "1. Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti;
>
> "2. Ebda haga li hemm fi jew maghmula skont l-awtorita` ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu sa fejn il-ligi in kwistjoni tawtorizza l-ghoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-gurnata stabbilita;
>
> "3. (a) Ebda ligi ma ghandha tipprovdi ghall-impozizzjoni ta' pieni kollettivi;

(b) Ebda haga f’dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impozizzjoni ta’ pieni kollettivi fuq il-membri ta’ korp dixxiplinat skont il-ligi li tirregola d-dixxiplina ta’ dak il-korp”;

32. Illi l-artiklu 3 fuq indikat jistabbilixxi s-segwenti:

> “Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti”;

33. Illi fir-rigward ta’ **trattament inuman** kif josserva **Paul Sighart** fl-*opus* tieghu “***The International Law of Human Rights***”, **Edizzjoni tal-1992, p. 167**:

> “*In* ***Denmark et al. vs. Greece****, EUCM stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable. However, in its report in* ***Ireland vs. United Kingdom****, the Commission noted that its use of the term ‘unjustifiable’ had given rise to some misunderstanding, and explained that it did not have in mind the possibility that there could be a justification for the infliction of inhuman treatment*”;

34. Illi l-istess spjegazzjoni indikata fil-paragrafu precedenti giet ukoll sottolineata fis-sentenza tal-**Prim’Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Hasan Hasan *et* vs. Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**, datata l-**20 t’April, 2009**;

35. Illi kif isosstni l-awtur **Facett** fil-ktieb tieghu “***The Application of the European Convention on Human Rights***, **Edizzjoni tal-1987, p. 42**:

> “*Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence*”;

36. Illi kif ritenut mill-**Qorti Kostituzzjonali** fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Laurence Gatt vs. l-Onorevoli Prim Ministru *et***, datata t-**12 ta’ Frar, 2008**, fejn hemm irriferiet ghall-hekk imsejha ***Greek Case***:

"*The notion of inhuman covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable ... Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience*";

37. Illi fir-rigward ta' **trattament degradanti** jinghad li dan generalment jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-persuna involuta jew li minhabba f'hekk igelgha tagixxi kontra l-volonta` taghha;

38. Illi f'dan ir-rigward fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Peers vs. Greece***, datata z-**19 t'April, 2001**, il-**Qorti ta' Strasburgu** irriteniet is-segwenti:

"67. *The court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of serverity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim, (see, among other authorites, Ireland v. the United Kingdom, judgement of **18th January, 1978**, **Series A. no. 25, p. 65, § 162***);

"68. *Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see* **Raninen v. Finland**, *judgement of* ***16th December, 1997***, ***Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55***) ...";

"74. *In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see* ***V. v. the United Kingdom (GC), no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX****)*";

39. Illi fis-sentenza tal-istess **Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet ***Yankov vs. Bulgaria***, datata il-**11 ta' Marzu, 2004**, gie ritenut is-segwenti:

*"... within the meaning of Article 3, the Court will have to regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example* ***Peers v. Greece****, no. 28524/95, § 74, ECHR 2001-III, and* ***Kalashnikov v. Russia****, no. 47095/99, § 101, ECHR 2002-VI*);

"106. *Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see****. Ireland v. the United Kingdom****, judgement of* ***18th January, 1978****,* ***Series A no. 25. p. 65, § 162***);

"107. *The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State*

> *must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (**Kudla v. Poland (GC), no. 3021096, §§ 93-94, ECHR 2000-XI**)*";

Ikkunsidrat:

40. Illi kif sintetikament elenkat fil-paragrafu numru 10 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, (ara foll 293), u b'aktar dettall anke deskrittiv fix-xhieda tal-istess rikorrenti, jirrizulta assodat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li t-trattament subit mir-rikorrenti, specjalment l-aktar anzjani fosthom, hu wiehed li jaqa' fil-parametri fuq stabbiliti mill-Qorti ta' Strasburgu f'dan ir-rigward;

41. Illi jirrizulta li kien biss wara li kien appuntat Direttur gdid ghall-Facilita` *de quo* fl-2016, (ara foll 190 u 237), u wara li kienet introdotta ligi gdida fir-rigward tal-generu fl-2015, (ara paragrafu numru wiehed punt tmienja, (1.8.), aktar qabel), li s-sitwazzjoni kif subita mir-rikorrenti bdiet tinbidel ghall-ahjar ghalkemm minn ma kienx cittadin ta' Malta ma setghax juzufruwixxi minn xi beneficcju hemm moghtija;

42. Illi *nonostante* dan l-izvilupp pozittiv irrizulta li inholqu problemi godda *stante* li meta uhud mir-rikorrenti kienu offruti l-possibilita`, mhux ideali izda ferm aktar pozittiva, li wara l-bdil tal-generu jkunu alloggjati fil-parti femminili tal-Facilita`, dawk kienu ser jitilfu l-possibilita` li jkomplu bl-impjieg u bl-edukazzjoni li kienu jinghataw meta kienu fit-taqsima maskili, (ara foll 57);

43. Illi meta minhabba d-dekors legislattiv gdid, ir-rikorrenti idonei intbaghtu fit-taqsima femminili tal-Facilita` *de quo*, dawn sabu:

> "... dizastru, hmieg, saqqijiet mahmugin bid-demm, bibien u imbarazz mal-art, kienet cella li tintuza bhala mahzen jew xi *store-room*. Minhabba il-kundizzjoni

tac-cella morna fuq *strike* tal-guh ta' jumejn", (ara foll 55);

44. Illi *di piu`* t-trattament subit mir-rikorrenti min-naha tal-gwardjani u tal-prigunieri l-ohra hu verament disgustanti tant li lanqas biss hu dekoruz li jigi ripetut hawn, izda sintetikament jigi indikat li jinkludi swat, (ara foll 30), umiljazzjonijiet, (ara foll 30), alloggjar f'celel ma irgiel li kienu jitfghu l-attenzjoni kolpuza taghhom fuq ir-rikorrenti anke bl-access li kellhom ghall-kotba spinti li f'ambjent bhal dak in dizamina jkollu effett sproporzjonat li l-istess rikorrenti kellhom jissubixxu, (ara foll 31, 36, 40, 42, 44, 54, 55, 56, fost ohrajn);

Ikkunsidrat:

45.0. Illi fir-rigward ta' l-*strip searches* li hafna mir-rikorrenti jilmentaw fuqhom jinghad is-segwenti:

45.1. Illi kif tghallem is-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet ***Valasinas vs. Lithuania*** datata l-**24 ta' Lulju, 2001**, il-mod ta' kif tigi kondotta tali tfittxija personali hi kwistjoni importanti u delikata, u kemm -il darba jkun hemm nuqqas ta' rispett jew kummenti mhux xierqa fir-rigward tal-prigunier involuta, allura tkun leza d-dinjita` tal-persuna kkoncernata li twassal ghall-vjolazzjoni tal-artiklu 3 in dizamina;

45.2. Illi ezami tax-xhieda prodotta jirrizulta li dan gara diversi drabi, (ara foll 31 u 36 fost l-ohrajn);

45.3. Illi l-**Qorti ta' Strasburgu** ovvjament stabbiliet linji gwida fir-rigward fejn *stante* li dawn jistghu jkunu mehtiega ghas-sigurta` tal-habs pero` ghandhom dejjem jitwettqu b'mod xieraq li jirrispetta d-dinjita` tal-persuna u imgieba bhal dik riskontrata twassal ghall-vjolazzjoni tal-artiklu 3 in dizamina, (ara ***Iwanczuk vs. Poland***, datata l-**15 ta' Novembru, 2001**);

45.4. Illi *di piu`* ssir hawn ukoll referenza ghall-artiklu 6 (2) tar-Regolamenti tal-Habs li jistipula:

> "... t-tfittix fuq prigunier ghandu jsir b'osservanza kif imiss tad-decenza u tad-dinjita` personali u bl-aktar mod dekoruz li jkun konsistenti mal-htiega ta' kxif ta' xi oggetti mohbija";

Ikkunsidrat:

46. Illi l-ghazla moghtija lil uhud mir-rikorrenti li jittrasferixxu ruhhom fit-taqsima femminili irrizultat li kienet *Hobson's Choice stante* li ghalkemm kienu offruti jmorru f'ambjent forsi aktar assikuranti pero` kienu ser jitilfu l-facilita` li jkomplu jedukaw lilhom infushom u jitilfu x-xoghol, liema xoghol kien necessarju ghalihom biex jiffinanzjaw it-trattament mediku necessitat mill-kundizzjoni taghhom;

47.0. Illi fir-rigward tax-*showers* id-dixxiplina ezercitata fir-rigward mill-amministrazzjoni tal-Facilita` tirrizulta li kienet karenti billi ir-rikorrenti:

47.1. Jew ikun koncess lilhom jinhasslu qabel jew wara li jkun inhasel kulhadd, bil-konsegwenza li l-mishun, jew addirittura l-ilma, jispiccaw, (ara foll 31);

47.2. Jew jissubixxu visiti indeziderati tar-rikorrenti – inkluz strupru fuq persuna tal-istess kundizzjoni, (ara foll 31);

48. Illi l-ilment tan-nuqqas t'accessibilita` tar-rikorrenti ghall-"*hairdresser*" ghalkemm superficjalment jista' jidher ilment superfluwu, tqis li dan mhux il-kaz;

49. Illi ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti qeghdin fil-Facilita` *de quo* biex jiskontaw sentenza pronunzjata fil-konfront taghhom;

50. Illi minkejja dan, ma jfissirx li kull minn hu f'din is-sitwazzjoni ma jibqghux denji ta' rispett ghad-dinjita` umana taghhom, liema dinjita`, *stante* li hi umana, tipprexxindi mit-tip ta' persuna li dan l-uman qieghed jipprezenta ruhhu fih;

51. Illi hu pacifiku li l-prigunerija ggib maghha restrizzjonijiet ghad-drittijiet tal-prigunier, pero` l-imsemmija drittijiet li ma jigux hekk ristretti minhabba dan l-istat ta' fatt ghandhom jibqghu jigu tutelati, u kemm -il darba l-amministrazzjoni tal-Facilita` ma

tittutelax dawn id-drittijiet tkun qed tonqos lill-prigunieri u lis-socjeta`;

52. Illi ghalhekk ukoll, kwalunkwe restrizzjoni, anke dik legittima, dejjem trid tkun proporzjonata, u qatt ma tista' taqa' taht dak l-i*standard* ragonevoli tal-preservazzjoni tad-dinjita` umana u ta' dak li hu mistenni minn socjeta` matura li trid tinvesti fir-riforma ta' minn temporanjament isib ruhhu fl-imsemmija Facilita`;

53. Illi in vista tal-premess, id-drittijiet l-ohra kollha ta' prigunier li mhuwiex mittiefsa mir-realta` t'ambjent restrittiv bhal ma hu habs, ghandhom jibqghu jigu ezercitati *stante* li hu hekk biss li d-dinjita` tal-persuna tigi salvagwardata fid-dawl tal-insenjament tad-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasburgu fuq riferiti;

54. Illi konsegwentement l-istess Regolamenti tal-Habs ghandhom ikunu rispettuzi ta' dawn id-drittijiet rimanenti billi dawn ma jigux awtomatikament sospizi mal-mument li wiehed jirfes l-ghatba tal-habs;

55. Illi ghalhekk, meta *sic et simpliciter* ir-rikorrenti ma thallewx li jkollhom access ghall-"*hairdresser*" id-dinjita` taghhom kienet qed tigi kalpestata u ikkontribwiet mal-fatturi l-ohra kollha fuq sintetikament elenkati biex ikollha effett psikologiku detrimenti fuqhom;

Ikkunsidrat:

56.0. Illi ghalhekk is-sitwazzjoni prezenti toffri diffikulta` inumana *stante* li jrid jintlahaq bilanc bejn:

56.1. Min-naha l-wahda l-amministrazzjoni sigura tal-Facilita` *de quo*, u

56.2. Min-naha l-ohra operat intelligenti u prudenti tal-istess amministrazzjoni li ma jilledix id-dinjita` tal-persuni involuti;

57.0. Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, jinghad li fost l-ohrajn, fis-sitwazzjoni in dizamina, prigunier ghandu jibqalghu d-dritt li jigi:

57.1. Ittrattat b'dinjita` umana;

57.2. Tutelat fl-integrita` psikologika u personali tieghu, inkluz il-generu tal-istess;

57.3. Ma jigix ittrattat b'mod inuman u degradanti;

57.4. Salvagwardat id-dritt tieghu ghall-privatezza u ghall-inkolumita` personali;

Ikkunsidrat:

**B. L-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni:**

58. Illi l-artiklu 8 fuq indikat jistabbilixxi s-segwenti:

> "1. Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu;
>
> "2. Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' haddiehor";

59. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet ***Case of B. vs. France***, datata l-**24 ta' Jannar, 1992**, li tghid:

> "*The Court notes first of all that the notion of "respect" enshrined in Article 8 (art. 8) is not clear-cut ... fair balance ... has to be struck between the general interest and the interests of the individual*";

60. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali**), fl-ismijiet **Marie Therese Camilleri vs. L-Avukat Generali**, datata t-**28 ta' Marzu, 2017**, li sosstniet is-segwenti:

"Illi tajjeb li jinghad li "hajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghandha tifsira wiesgha li tghodd fiha l-aspetti tal-hajja fizika u socjali tal-persuna;

"*Thus from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference,* (***Harris, O'Boyle & Warbrick: Law of the Convention on Human Rights, (3rd Edition), p. 525***);

Kuncett essenzjali hu dak ta' *personal autonomy* li nghata tifsira fil-kaz ***Christine Goodwin v UK***, (**App. Nru. 28957/95**);

"*Under Article 8 of the Convention in particular, where the notion of personal autonomy is an important principle underlying the interpretation of its guarantees, protection is given to the personal sphere of each individual, including the right to establish details of their identity as individual human beings (see, inter alia,* ***Pretty v. the United Kingdom****,* ***no. 2346/02****, judgement of* ***29th April 2002, § 62****, and* ***Milkulic v. Croatia****,* ***no. 53176/99****, judgement of* ***7th February 2002, § 53****, both to be published in* ***ECHR 2002-...***)";

"Mandankollu, il-fatt wahdu li jezisti tali ndhil mhux raguni ta' ksur tal-jedd imhares fl-artikolu 8, ghaliex it-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jaghmel eccezzjonijiet dwar meta tali ndhil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd ghall-hajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Minbarra dan, hu stabbilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir t'azzjoni pozittiva li jara li biex tabilhaqq ikun hemm harsien tal-jedd mahsub fl-artiklu 8 b'mezzi effettivi sabiex dan il-harsien jigi attwat, (**Marcks vs. Belgium A31 (1979)**);

"Illi biex indhil bhal dak ikun "skont il-ligi", jehtieg mhux biss li jsir taht is-sahha ta' xi ligi li tkun fis-sehh, imma wkoll li t-twettiq ta' kull ghemil ma jkunx jiddependi

minn diskrezzjoni bla razan jew uzata b'mod li hadd ma jista' jobsru (*unforseeable*), (**Olsson vs. Svezja App. Nru. 10465/83**);

"Illi, biex mizura ta' ndhil tkun titqies bhala wahda "*mehtiega f'socjeta` demokratika*", jrid jintwera li kienet wahda mnissla minn htiega urgenti socjali li tkun proporzjonali mal-ghan mixtieq u prevedibbli fit-thaddim taghha biex taghti c-"certezza" tad-dritt (**Leander vs. Svezja App. Nr. 9248/81**). F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"*rispett*" li l-Istat ghandu juri ghall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan hu mfisser bhala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindahalx bla bzonn jew b'mod eccessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indhil hu projbit sakemm ikun joqghod mal-ghanijiet mahsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun maghmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-ghanijiet. Kif inghad "*In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia,* ***T.P. and K.M. v. the United Kingdom (GC****),* ***no. 28945/95, § 70, ECHR 2001-V****, and* ***Sommerfeld v. Germany (GC****),* ***no. 31871/96, § 62, ECHR 2003-VIII***)."

"Illi hu stabilit li fejn jidhol l-aspett tal-proporzjonalita` taht il-konvenzjoni "*inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system, (ara* ***Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Zwaak: Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, (4th Edit. 2006, pp. 882-3***);

61. Illi din il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti, (ara foll 294), li fejn l-izvelar tal-istatus ta' persuna *transgender* tirrizulta f'serje ta' istruzzjonijiet li jaffettwaw il-hajja privata tal-persuna involuta, u aktar minn hekk, il-hajja psikologika, tant li jkollha tirrikorri ghal snin twal ghall-kura ta' psikologu, (ara foll 30 u 37), tali agir iwassal ghall-ksur ta' dan id-dritt hekk sancit;

62. Illi ghalkemm jirrizulta wkoll li xi indhil li minnu jilmentaw ir-rikorrenti kien mehtieg ghat-tutela tal-ordni fl-istess Facilita`, pero` din il-qorti hi sodisfatta li l-imgieba in dizamina kienet ukoll abbuziva u leziva d-dritt fundamentali in dizamina;

Ikkunsidrat:

**C. L-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni:**

63. Illi l-artiklu 14 fuq indikat jistabbilixxi s-segwenti:

> "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor";

64. Illi jibda biex jigi sottolineat li l-artiklu in dizamina m'ghandux ezistenza separata izda jinhtieg li jigi ezaminat konguntement ma' disposizzjonijiet ohra tal-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet hemm kontemplati;

65. Illi jinghad ukoll li mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminzazzjoni" fis-sens tal-artiklu 14 hawn in dizamina;

66. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali**) fl-ismijiet **Joseph Grech *et* vs. Il-Ministru responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta` Socjali *et*** datata l-**15 ta' Frar, 2006**, li qalet is-segwenti:

"Il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem, fil-kaz ta' **Lithgow u ohrajn kontra r-Renju Unit**, citat mir-rikorrenti stess, qalet illi:

177 *... the Court would recall that Article 14 (art. 14) does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised by the Convention (see the "***Belgian Linguistic***" judgement of* ***23 July, 1968, Series A no. 6, p. 34, para. 10****). It safeguards persons (including legal persons) who are "placed in analogous situations" against discriminatory differences of treatment; and, for the purposes of Article 14 (art. 14), a difference of treatment is discriminatory if it "has no objective and reasonable justification", that is, if it does not pursue a "legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised*".

Dan ifisser illi, biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-art. 14 tal-Konvenzjoni, l-qorti trid tara jekk:

1. kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti thallew igawdu l-jeddijiet imharsa taht il-Konvenzjoni;

2. din id-differenza fi trattament kienitx bejn persuni li s-sitwazzjoni taghhom kienet tixxiebah;

3. din id-differenza kienitx bil-hsieb li jintlahaq ghan legittimu; u

4. kienx hemm proporzjonalita` bejn id-differenza fit-trattament u l-ghan li ried jintlahaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx mehtieg illi jkun hemm dik id-differenza biex jintlahaq dak l-ghan.

Huwa importanti, ghalhekk, illi l-paragun isir bejn persuni li huma "*placed in analogous situations*".

67. Illi meta ghalhekk isir il-paragun fuq riferit fis-sentenza indikata fil-paragrafu immedjatament qabel dan, jirrizulta palezi li r-rikorrenti, persuni ta' generu differenti minn dawk li l-Facilita` kienet imdorriha bihom, issubew trattament diskriminatorju li jvarja minn zeblieh sa abbuz illegali li kellu effett nefast fuq uhud mir-rikorrenti specjalment dawk li varkaw l-ghatba tal-Facilita` meta kienu ghadhom ta' eta` zghira u kibru hemm gew;

Ikkunsidrat:

**D. L-Artiklu 45 (2) tal-Kostituzzjoni:**

68. Illi jigi sottolineat li l-istess analizi logika u gurisprudenzjali applikata fit-termini tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni fil-Kap precedenti, (ara Kap C aktar qabel), japplikaw ukoll ghall-Kap D in dizamina *stante* li dan l-artiklu jittratta d-diskriminazzjoni;

69. Illi l-artiklu 45 (2) fuq indikat jistabbilixxi s-segwenti:

> "Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikli (6), (7) u (8) ta' dan l-artiklu, hadd ma ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita` pubblika";

70. Illi terga ssir referenza ghas-sentenza **Marie Therese Camilleri vs. L-Avukat Generali**, (ara paragrafu numru sittin, (60.), aktar qabel), fejn f'dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

> "Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet **Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija** ... kompliet tespandi fuq is-sinifikat ta' 'diskriminazzjoni' taht l-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** meta pprecizat illi "naturalment salv dejjem l-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikoli ta' dak l-artikolu, jekk ikun hemm id-diskriminazzjoni kif hawn aktar 'l fuq spjegat, mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika, sess, etc; fi kliem iehor dak li l-qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u

mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni (ara f'dan is-sens, "**Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni**" – (**Prim Awla, Sede Kost – 14/07/75**); "**Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et ...**"). Fondamentali, ghalhekk, fl-ezami tal-fatti hu jekk hemmx kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti";

71. Illi in linea mal-insenjatament suespost din il-qorti hi sodisfatta li fl-agir taghhom il-persuni risponsabbli mill-Facilita` Korrettiva *de quo* effettivament agixxew b'mod diskriminatorju kontra r-rikorrenti, u dan, minhabba l-generu taghhom;

Ikkunsidrat:

72. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi;

73. Illi pero`, qabel ma tghaddi ghall-parti decizorja tas-sentenza in dizamina tissottolinea li d-Direttur intimat u l-oghla ufficjali tieghu, kienu effettivament gia` bdew jintroducu tibdiliet *in buona fede* iffokati li jindirizzaw il-problematika in dizamina naxxenti mill-Kap 540 *de quo*;

74. Illi dawn it-tibdiliet jirrizulta li kienu qed jindirizzaw anke l-attitudni tal-gwardjani, l-istrutturi edilizji fejn jigu alloggjati r-rikorrenti, u anke l-mod kif l-amministrazzjoni tal-istess Facilita` tittratta lil persuni in dizamina;

75. Illi jirrizulta wkoll li gew implimentati diversi korisijiet ta' tahrig edukattivi mahsuba appozitament ghall-gwardjani tal-Facilita` li bdew b'hekk jigu meghjuna jindirizzaw dan l-izvilupp socjali riskontrat li fih jirrizultaw li kienu karenti ferm;

Ikkonsidrat:

76. Illi fir-rigward ta' kumpens xieraq kif mitlub mir-rikorrenti ssir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Victor Gatt *et* vs. Avukat Generali *et***, datata l-**5 ta' Lulju, 2011**, li tistabbilixxi li f'kaz ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali bhalma hu fil-kaz odjern, l-istat ghandu jipprovdi

*restitutio in integrum* izda, fejn dan ma jkunx possibbli, l-qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju, (ara wkoll **Qorti Kostituzzjonali**: **Joseph Camilleri vs. Avukat Generali** datata t-**28 ta' Settembru, 2012**;

Ikkunsidrat:

77. Illi in vista tas-suespost tirreferi wkoll ghal dak riportat fil-ktieb ***Giustizia e Mito*** *ta'* **Marta Cartabia u Luciano Violante*, Il Mulino,* 2018**, li jsosstnu:

> "*Per quanto emancipata dal suo primitivo nucleo vendicativo, e oggi amministrata con molte garanzie, sancite sopratutto dalle costituzioni contemporanee, la giustizia infatti non risana mai del tutto i conti, ne` per le vittime ne` per i carnefici*", (kopertina fuq wara);

**DECIDE:**

78.0. Illi in vista tal-premess:

78.1. Takkolji l-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimati u konsegwentement, tillibera lill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta` Socjali mill-osservanza tal-gudizzju;

78.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

78.3. Tirrespingi r-risposti l-ohra kollha tal-intimati;

78.4. Tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrenti, (uhud minnhom aktar minn ohrajn), kif fuq sintetikament deskritt, jammonta ghal trattament inuman, degradanti u diskriminatorju *ai termini* tal-artikli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fuq citati;

78.5. Tordna lill-intimat Direttur biex jibqa' miexi fid-direzzjoni gia` intrapriza mill-predecessur tieghu fir-rigward fir-riformi minnu hemm inizjati;

78.6. Illi filwaqt li tiddikjara li qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li d-Direttur intimat gia` beda jiehu passi biex jindirizza

s-sitwazzjoni li zviluppat minhabba d-diversita` fil-generu riskontrata, tikkundanna lill-intimat Direttur biex ihallas lil kull wahda mir-rikorrenti l-ammont ta' erbat (4) elef euro, (€4,000.00), bhala kumpens pekunjarju ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom *stante* li ovvjament ir-*restitutio in integrum* mhux possibbli;

78.7. Tikkundanna wkoll lid-Direttur *de quo* biex, bhala dannu ezistenzjali hekk ikkagunat lid-dinjita` personali tar-rikorrenti, u bil-ghan li tissottolinea li d-diversita` ma timmeritax l-agir riskontrat, ihallas lill-istess rikorrenti l-ammont ta' elf euro, (€1,000.00), kull wiehed;

77.8. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**